MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 1340/2007

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita’ numru 258269 ittra “M”, bhala mandatarju specjali tas-socjeta’ estera PIONEER KABUSHIKI KAISHA (ezercenti l-kummerc ukoll bl-isem ta’ PIONEER CORPORATION), ta’ 4-1 Meguro 1-chome, Meguro-ku, Tokyo, il-Gappun**

**vs**

**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar u il-Prokuratur Legali Doreen Aquilina b’digriet tad-9 ta’ April, 2008 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil BANQUE EXTERIEURE D’ALGERIE, ta’ ROUTE NATIONAL NO 36, DELY IBRAHIM, ALGIERS, L-ALGERIJA, u b’digriet tal-5 ta’ Marzu, 2008 l-Avukat Dottor Patrick Valentino u il-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil SARL IMPEL CITE MER MIDETERRANEE, TA’ NO4 HUSSEIN DEY ALOGIERS**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur nomine fis-26 ta’ Dicembru, 2007, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi s-socjeta’ attrici PIONEER KABUSHIKI KAISHA, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f’Malta, *inter alia* in konnessjoni ma’ prodotti ta’ natura awdjo-viziva, hija proprjetarja ta’ diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni mal-istess negozju;

Illi b’hila u b’invenzjoni, kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta’ attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi fuq is-suq barrani u fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat--*trademarks* taghha;

Illi fost ohrajn, is-socjeta’ attrici ghandha validament irregistrat bhala *Trademark* Komunitarju (CTM) il-markju “Pioneer” (figurattiva, numru 000881839 b’effett mill-20 ta’ Lulju tal-1998), u dan *inter alia* dwar prodotti f’kategorija li fihom jaqghu prodotti konsistenti f’prodotti awdjo-vizivi;

Illi noltri, is-socjeta’ attrici ghandha rregistrat f’Malta it-*trademarks* “Pioneer” (figurattiva, numru ta’ registrazzjoni 28838, b’effett mill-21 ta’ Lulju tal-1998) u “PIONEER” (figurattiva, numru ta’ registrazzjoni 10668, b’effett mit-15 ta’ Dicembru 1970, u dan dwar prodotti awdjo-vizivi fost ohrajn;

Illi s-socjeta’ attrici hija “*detentrici ta’ dritt*” u tinsab registrata mall-Kontrollur tad-Dwana ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi fosthom tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta) u tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights*, biex b’hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-artikli 2(1)(a), 4 u 8(1) tal-istess Kap. 414, u fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Artikli 1, 2

1.(a), 10, 16 u 17 tal-istess *Council Regulation (EC) No 1383/2003* fost ohrajn;

Illi recentement, waqt 1-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 tal-istess Kap. 414 u fl-Artiklu 1 1. tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*containers* CLHU 8943846 u CLHU 8771705 kontenenti *inter alia* prodotti konsistenti fi *speakers* li fihom sinjali “Pioneer” bhal dawk tas-socjeta’ attrici prezentati b’mod prominenti, liema artikli waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* / importatrici ndikata fuq il-polza ta’ kargu relattiva bhala BANQUE EXTERIEURE D’ALGERIE, ta’ ROUTE NATIONAL NO36, DELY IBRAHIM, ALGIERS, L-ALGERIJA, bin-*notify party* / parti ghan-notifika ndikata bhala SARL IMPEL CITE MER MIDETERRANEE, ta’ NO4 HUSSEIN DEY ALOGIERS, u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta’ attrici dwar din is-sejba f’cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali;

Illi s-socjeta’ attrici giet mgharrfa bis-sejba fis-27 ta’ Novembru 2007 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta’ kampjuni ta’ dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta’ intellettwali;

Illi effettivament allura, l-oggetti mertu ta’ din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala sebgha mija u disgha u sebghin (779) fil-*container* CLHU 8943846 u elf u wiehed u hamsin (1051) fil-*container* CLHU 8771705, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u oltre d-disposizzjonijiet ta’ ligi ndikati fil-paragrafu numru 5 ta’ dan ir-rikors, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Artiklu 9 1. (a) u (b) tal-*Council Regulation (EC) No. 40/94 on the Community trade mark*, kif ukoll id-disposizzjonijiet rilevanti tal-artikli 10, 14 sa 19 tal-Att tal-2000 Dwar it-

*Trademarks* (Kap. 416) u tar-regolament numru 9 tal-avviz legali 233 tal-2003;

Illi wara li s-socjeta' attrici nghatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollur tad-Dwana, gie lill-istess socjeta' attrici prefiss terminu sat-2 ta' Jannar 2008 mill-hawn qabel imsemmi Kontrollur tad-Dwana sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) tiddikjara li l-oggetti konsistenti fi *speakers*, li lkoll jikkontjenu sinjali "Pioneer" prezentati b'mod prominenti u li jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*containers* CLHU 8943846 u CLHU 8771705 kontenenti l-imsemmija oggetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' attrici;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta' – l-konvenuti jew min minnhom;

(3) tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuti jew min minnhom mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuti jew min minnhom ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-

distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attur nomine;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tal-5 ta’ Marzu, 2008, li “in forza” tieghu inhatru l-Avukat Dr Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-kumpannija konvenuta SARL IMPEL CITE MER MIDETERRANEE ghall-finijiet kollha tal-Ligi;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ April, 2008, li “in forza” tieghu inhatru l-Avukat Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lill-kumpannija konvenuta BANQUE EXTERIEURE D’ALGERIE ghall-finijiet kollha tal-Ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kuraturi l-Avukat Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li *in forza* taghha eccepew :

1. Illi f’dan l-istadju mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresetnaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rappresentata u f’dan ir-rigward, minn issa jitolbu lir-rikorrenti tiddikjara jekk ghandhiex xi indirizz tal-assenti jew numru tat-telephone tal-istess ghajr dak l-indirizz gja indikat fl-okkju tar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kuraturi l-Avukat Dr Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li *in forza* taghha eccepew :

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirriservaw li jippresentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi kollha li tressqu u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-Qorti giet awtorizzata mill-Avukati difensuri tal-partijiet biex tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta illi Dr Luigi Sansone huwa l-mandatarju specjali f’Malta tas-socjeta’ estera attrici PIONEER KABUSHIKI KAISHA, ezercenti il-kummerc ukoll bl-isem ta’ PIONEER CORPORATION, ghal dak li jirrigwarda l-marki u l-protezzjoni tal-marki ta’ din is-socjeta’ f’Malta. Gara illi idahhlet konsenja f’Malta ta’ speakers li fihom sinjali “Pioneer” bhal dawk tas-socjeta’ attrici prezentati b’mod prominenti, liema artikli waslu fil-Freeport Terminal tad-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur consignee / importatrici ndikata fuq il-polza ta’ kargu relattiva bhala BANQUE EXTERIEURE D’ALGERIE, ta’ ROUTE NATIONAL NO 36, DELY IBRAHIM, ALGIERS, ALGERIJA, bin-notify party / parti ghan-notifika ndikata bhala SARL IMPEL CITE MER MIDETERRANEE, ta’ NO 4 HUSSEIN DEY ALOGIERS, u il- Kontrollur tad-Dwana informa lill-attur nomine dwar din is-sejba f’cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali;

Illi s-socjeta’ attrici giet mgharrfa bis-sejba fis-27 ta’ Novembru 2007 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta’ kampjuni ta’ dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta’ intellettwali.

Ikkunsidrat :

Illi l-Kontrullur tad-Dwana indika illi l-oggetti mertu ta' din il-vertenza huma sebgha mija u disgha u sebghin (779) li kienu fil-container CLHU 8943846 u elf u wiehed u hamsin (1051) li kienu fil-container CLHU 8771705 u il-Kontrollur tad-Dwana ipprefigga terminu lis-socjeta' attrici sat-2 ta' Jannar 2008 sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk kellha issir il-kawza odjerna.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenuti kuraturi deputati Dr Anthony Cutajar u il-PL Doreen Aquilina infurmaw lill-Qorti illi huma baghatu ittra dwar il-proceduri odjerni lir-rapprezentati taghhom fl-indirizz moghti fir-rikors guramentat, izda baqghu ma ircevew l-ebda risposta.

Illi Dr Patrick Valentino u il-PL Liliana Buhagiar ukoll infurmaw lill-Qorti li kienu kitbu lis-socjeta' minnhom rapprezentata permezz ta' ittra illi ghaliha ma ircevew l-ebda risposta.

Illi l-attur nomine iddikjara illi ma ghandu l-ebda indirizz iehor tas-socjetajiet esteri konvenuti hlief ghall-indirizz imsemmi fir-rikors guramentat.

Illi wara li l-Qorti qieset il-provi prodotti u l-fatti fuq imsemmija ma dak li tipprovdi l-ligi waslet ghas-segwenti konkluzjonijiet :

a. Il-kumpanija attrici hija detentrici ta' dritt li ghalih japplika l-Att V111 tas-sena 2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tieghu;

b. illi l-oggetti mnizzla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpanija attrici u lanqas jidher li gew manufatturati bil-kunsens taghha, u dan ghall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. illi d-dhul tal-imsemmija oggetti huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija attrici;

d. illi jidher li l-kumpannija estera attrici wettqet ukoll l-obbligi taghha dwar taghrif moghti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta ghall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. it-talba tal-kumpannija attrici biex il-konsenja ta' l-ispeakers in kwistjoni tigi meqruda hija wahda mill-effetti li l-ligi tahseb ghalihom dwar id-dhul f'Malta ta' hwejjeg falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

f. il-falsita' tal-imsemmija speakers tinsab ippruvata fi grad tekniku bizzejjed, u ammissibbli fil-ligi, li l-Qorti ma thossx il-htiega li tahtar espert biex jaghmel kostatazzjonijiet ohrajn, minghajr ma tkun qeghda b'hekk izzid l-ispejjez inutilment;

Illi ghalhekk il-Qorti ssib illi l-attur nomine wera tajjeb bizzejjed illi l-kumpanija estera attrici kellha ragun temmen illi l-ispeakers illi ddahhlu f'Malta kif fuq inghad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali taghha kif imharsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-helsien taghhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx hafif ghaliha li taghmel tajjeb ghalih jekk mhux biz-zamma ghal dejjem taghhom jew bil-qerda taghhom, ukoll jekk kien mahsub li l-ahhar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiz iehor barra minn Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi il-Qorti tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet kollha attrici u fir-rigward tat-tieni talba attrici tordna l-qerda ta' l-ispeakers imsemmija illi jikkontravejnu d-drittijiet tal-proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici u ghal din il-fini tipprefiggi terminu ta' hmistax il-gurnata tax-xoghol millum sabiex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi l-ispeakers in kwistjoni.

Bl-ispejjez, kontra s-socjetajiet esteri konvenuti, b'dan li provizzorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------